# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Marzu 2020**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 581/2019 JVC**

**Mario Zammit**

**vs.**

**Rita Zammit, Kylie Dimech u zewgha Malcolm Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Mario Zammit kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi Rita Zammit u Mario Zammit huma komproprjetarji tal-fond bl-isem "Mari Flats", 16, Flat 1, Triq Romeo Romano, Santa Venera, b'sehem ta' nofs indiviz kull wiehed minnhom. Dan il-fond huwa gid parafernali ta' kull wahda mill-partijiet, ladarba kien inkiseb minnhom f'ishma ndaqs qabel izzewgu lil xulxin. L-intimata Kylie Dimech tigi bint ir-rikorrent;

2. Illi l-intimata Rita Zammit qieghda toqghod f'dan il-fond u maghha qed toqghod bintha Kylie, li hija magorenni u hija mizzewga lill-intimat (data taz-zwieg: 8 ta' Lulju 2017) kif jirrizulta mill-anness Att taz-Zwieg numru 2075/17 u dawn lestew id-dar matrimonjali taghhom;

3. Illi r-rikorrent qieghed jipprocedi b'dina l-kawza sabiex issir il-qasma u licitazzjoni;

4. Illi l-intimata Rita Zammit qieghda zzomm taht idejha l-gid komuni kontra r-rieda tar-rikorrent Mario Zammit;

5. Illi minhabba f'hekk, ir-rikorrent Mario Zammit bhala sid komproprjetarju, jista' jitlef darba ghal dejjem il-jeddijiet tieghu fuq l-istess gid komuni sakemm l-intimata Rita Zammit bhala s-sid komproprjetarja tan-nofs l-iehor mhux maqsum tibqa' joghgobha tkompli zzomm dak il-post esklussivament ghaliha u ghal bintha u zewgha – ad eskluzjoni tar-rikorrent sid komproprjetarju;

6. Illi dan, izda, ma huwiex ta xkiel f'azzjoni ta' qasma biex qorti tordna l-qasma ta' dak il-gid, kif jirrizulta mill-**Artikolu 498 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta. Barra minn hekk, jekk il-qasma ma tkunx tista ssir minghajr xkiel, il-

qorti ghandha s-setgha li tordna l-bejgh tal-istess gid komuni b'licitazzjoni;

7. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma msejsa fuq il-principju li z-zamma tal-gid f'komunjoni m'ghandhiex tibqa' hekk kif imqar wiehed mill-komproprjetarji juri x-xewqa li jrid itemmha, u dan kif jirrizulta mill-**Artikolu 496(1) tal-Kap 16;**

8. Illi l-intimati, debitament interpellati permezz ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Ottubru 2018 sabiex jivvakaw il-fond sabiex dan ikun jista' jinbiegh, baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrent Mario Zammit jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja:

1. Tiddikjara li jezistu l-presupposti necessarji biex ir-rikorrent jezercita d-drittijiet tieghu ai termini tal-**Artikolu 498 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiddikjara li l-fond ma jistax jinqasam minghajr xkiel tenut kont li huwa appartament;
3. Tordna l-bejgh tal-fond Mari` Flats, 16, Flat 1, Triq Romeo Romano, Santa Venera, b'licitazzjoni kif tipprovdi l-istess ligi u taghti dawk id-direttivi u ordnijiet mehtiega sabiex dan il-bejgh b'licitazzjoni jitwettaq mill-aktar fis;
4. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att opportun fil-jum, hin u post iffissati mill-Qorti;
5. Tinnomina kuraturi sabiex jidhru fuq l-att finali ta' bejgh b'licitazzjoni kemm-il darba l-intimata Rita Zammit tonqos milli tidher quddiem in-Nutar Pubbliku fuq imsemmi ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment;

6. Tordna lill-intimati kollha jivvakkaw l-imsemmi fond Mari` Flats, 16, Flat 1, Triq Romeo Romano, Santa Venera, sabiex ikun jista' jinbiegh bil-'vacant possession';
7. Taghti kull direttiva ohra li thoss mehtiega u opportuna sabiex jitwettaq dak ordnat minnha.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Rita Zammit et kif isegwi:

1. Illi relattivament ghal-ewwel talba rikorrenti, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-artikolu indikat mir-rikorrent mhux applikabbli ghal kawza in dezamina;

2. Illi t-tieni talba rikorrenti ghandha similarment tigi michuda bl-ispejjez stante li mhux applikabbli ghal kaz in dezamina;

3. Illi t-tielet talba rikorrenti ghandha similarment tigi michuda bl-ispejjez stante li mhux applikabbli ghal kaz in dezamina;

4. Illi r-raba talba rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi f'kaz simili ma jigi nominat ebda Nutar Pubbliku u/jew jigi affissati xi jum, hin u lok ghal-istess assenjazzjoni ghal volta tkun dovuta;

5. Illi l-hames talba rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-procedura mitluba mir-rikorrent ma hi lanqas applikabbli;

6. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-intimati ghandhom kull dritt li jokkupaw il-fond in dezamina;

7. Illi s-seba' talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li tali talba hija ingustifikata fil-mertu ta' din il-kawza;

8. Illi l-indikazzjoni bhala xhieda tal-konsulent legali sottosrkitt u tal-Onor. Imhallfin Dottor Franco Depasquale u Dottor Joseph R. Micallef huma legalment insostenibbli w inawdita stante li huma xhieda inammissibbli;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

10. Illi ghal kull buon fini qed issir is-segwenti dikjarazzjoni:

   a. Ir-rikorrent u l-intimata esponenti ottjenew il-firda personali taghhom b'sentenza datata 16 ta' Dicembru 1998 Citaz. Nru. 214/94 FD;

   b. B'tali sentenza l-intimata esponenti (attrici f'dik il-kawza) kienet inghatat "id-dritt esklussiv li tkompli tghix fid-dar matrimonjali u tgawdi dawk l-oggetti u l-ghamara ta' go fiha u dan sakemm hija tibqa tghix wehedha flimkien ma bintha fl-istess dar";

   c. Illi l-istess rikorrent (intimat f'dik il-kawza) ma inghata l-ebda dritt bhal dak minnhu miktub bl-odjerni proceduri;

   d. Permezz tal-proceduri gudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet Zammit Mario vs. Zammit Rita, Citazz. Nru.

434/06 JRM, r-rikorrent odjern ippropona talbiet simili li gew michuda permezz ta' sentenza datata 16 ta' Jannar 2013. Ir-rikorrent ipprezenta appell minn tali sentenza, liema appell gie sussegwentement cedut;

e. Illi ghandu jinghad li ma nbidel xejn mis-sitwazzjoni prevalenti u sussegwenti ghal kawza ta' firda personali bejniethom;

f. L-esponenti intimata ghadha tghix fl-istess post flimkien ma bintha;

g. Illi ghalhekk din il-kawza hija nproponibbli;

h. Illi l-esponenti intimata taf b'dawn il-fatti.

Ghaldaqstant l-esponenti intimati jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra r-rikorrent li millum huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimati fil-verbal tat-28 ta' Novembru, 2019 ddikjaraw kif isegwi:

'Dr. Valletta qed jaghmel referenza ghall-ghaxar punt tar-risposta minnu pprezentata u partikolarment ghal punti 10 c u 10 d u jindika li permezz taghhom l-intimati qed iqajjmu l-eccezzjoni ta' res judicata.'

Da parti tieghu ir-rikorrent irrimarka fl-istess verbal kif isegwi:

'jirribatti illi mhux minnu li hemm sentenza li ghaddiet in judicata; anzi ghall-kuntrarju hemm osservazzjoni cara mill-Qorti li l-

procedura setghet tkun f'forma ohra, haga li l-kawza odjerna qieghda twettaq.'

Semghet u rat it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet dwar il-kwistjoni tar-'res judicata' fil-verbal tas-16 ta' Jannar, 2020 u l-kawza giet differita ghal-lum ghal decizjoni dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija kawza bejn partijiet li llum huma separati permezz ta' decizjoni tal-Qorti. Fid-decizjoni tas-separazzjoni personali moghtija mill-Onorabbli Imhallef Franco Depasquale datat 16 ta' Dicembru, 1998 l-intimata kienet inghatat id-dritt ta' abitazzjoni fid-dar li taghha huma ko-proprjetarji Mario Zammit u Rita Zammit sakemm hija tkun tghix wahedha fiha ma' bintha. Fil-kaz odjern l-attur Mario Zammit qed jitlob il-bejgh b'licitazzjoni tal-fond proprjeta' komuni bejnu u martu u ghalhekk qed jitlob li martu u bintu (flimkien mar-ragel ta' bintu Malcolm Dimech) jigu ordnati jizgumbraw mill-istess fond sabiex dan ikun jista' jigi mibjugh fil-licitazzjoni bhala vakant.

Jirrizulta li fil-paragrafu numru 10 tar-risposta tal-intimati, partikolarment is-sub paragrafi 10 C u 10 d, li huma jindikaw bhala dikjarazzjoni u mhux bhala eccezzjoni, l-intimati skont il-verbal kif suespost isostnu li huma riedu jqajjmu l-eccezzjoni tar-*res judicata* tant illi saret referenza diretta ghad-decizjoni fl-ismijiet Zammit Mario vs. Zammit Rita, Citazz. Numru 434/06 JRM u li ghar-ragunijiet kif suesposti fl-istess dikjarazzjoni l-kawza odjerna ma hijiex proponibbli. L-attur issostni li fic-cirkustanzi tal-kaz odjern kif prezentat lil din il-Qorti ma tissusistix ir-'res judicata'.

**L-'eccezzjoni' tar-res judicata:**

Illi d-dikjarazjonijiet kontenuti fil-paragrafu numru 10 tar-risposta tal-intimati jaqraw kif isegwi:

*'Illi ghal kull buon fini qed issir is-segwenti dikjarazzjoni:*

*a. Ir-rikorrent u l-intimata esponenti ottjenew il-firda personali taghhom b'sentenza datata 16 ta' Dicembru 1998 Citaz. Nru. 214/94 FD;*

*b. B'tali sentenza l-intimata esponenti (attrici f'dik il-kawza) kienet inghatat "id-dritt esklussiv li tkompli tghix fid-dar matrimonjali u tgawdi dawk l-oggetti u l-ghamara ta' go fiha u dan sakemm hija tibqa tghix wehedha flimkien ma bintha fl-istess dar";*

***c. Illi l-istess rikorrent (intimat f'dik il-kawza) ma inghata l-ebda dritt bhal dak minnhu mitlub bl-odjerni proceduri;***

***d. Permezz tal-proceduri gudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet Zammit Mario vs. Zammit Rita, Citazz. Nru. 434/06 JRM, r-rikorrent odjern ippropona talbiet simili li gew michuda permezz ta' sentenza datata 16 ta' Jannar 2013. Ir-rikorrentipprezenta appell minn tali sentenza, liema appell gie sussegwentement cedut;***

*e. Illi ghandu jinghad li ma nbidel xejn mis-sitwazzjoni prevalenti u sussegwenti ghal kawza ta' firda personali bejniethom;*

*f. L-esponenti intimata ghadha tghix fl-istess post flimkien ma bintha;*

*g. Illi ghalhekk din il-kawza hija nproponibbli;*

*h. Illi l-esponenti intimata taf b'dawn il-fatti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti intimati jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra r-rikorrent li millum huwa ngunt ghas-subizzjoni.'*

Illi ghalkemm il-paragrafu numru ghaxra (10) tar-risposta tal-intimati huwa ndikat bhala dikjarazzjoni qari tal-istess jindika car, partikolarment is-sub-paragrafi 10 c u 10 d, li l-intenzjoni tal-intimati permezz taghhom kienet li jqajjmu l-eccezzjoni tar-'res judicata' tant li giet kwotata d-decizjoni u inghad li l-kawza hija ghalhekk nproponibbli.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex f'dan l-ewwel stadju taccetta li s-sub-paragrafi 10 c 10 d tar-risposta jikkonsisti fl-eccezzjoni tar-'res judicata' mqajjma mill-intimati;

Rat id-decizjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet datata 16 ta' Dicembru 1998 li fil-parti rilevanti ghal dik li hija d-dar matrimonjali taqra kif isegwi:

*'Illi nonostante li din il-kawza ila aktar minn erba' snin pendenti u saru bosta sottomissjonijiet wara l-prezentata tar-rapport, huwa sinikattiv kif il-kontendenti ma qalux wisq dwar il-kwistjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u inoltre fl-ahhar trattazzjoni d-difensur tal-konvenut qabel li l-attrici u binthom jibqghu jabitaw fid-dar matrimonjali;*

*Ghalhekk il-Qorti fid-dawl ta' dan l-atteggjament konciljanti tifhem illi jkun opportun li waqt li l-partijiet jibqghu proprjetarji tan-nofs tad-dar u tal-beni li hemm fiha, dawn ghandhom jibqghu f'idejn l-attrici sakemm hija tiqbqa tghid waheda ma' l-imsemmija binthom . . . .*

*. . . . Tilqa' il-hames domanda attrici u r-raba kontro-talba fis-sens li tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividiha billi tassenja lil kull parti n-nofs indiviz tad-dar matirmonjali b'dak kollu li jinsab prezentement fiha u inoltre il-partijiet ghandhom izommu l-oggetti u l-beni kollha li jinsabu prezentement f'idejhom, waqt li jigi dikjarat li l-attrici jkollha d-dritt esklussiv li tkompli tghix fid-dar matrimonjali u tgawdi l-oggetti ta' go fiha u dan sa kemm hija tibqa' tghix waheda flimkien ma' bintha fl-istess dar.'*

Rat id-decizjoni bin-numru 434/06 JRM fl-ismijiet Mario Zammit vs. Rita Zammit li stante li din hija eccezzjoni dwar 'res judicata' l-Qorti tqis li ghandha tigi riportata fl-assjem taghha kif isegwi:

*'Il-Qorti:*
*Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-15 ta' Mejju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il- Qorti (a) tordna l-qasma bejnu u martu l-imħarrka tal- appartament numru wieħed (1), li jagħmel parti mill-binja bl-isem "Mari Flats", fi Triq Romeo Romano, Santa Venera, skond is-sehem li kull wieħed u waħda minnhom għandha mill-imsemmi post, jiġifieri s-sehem ta' nofs ($^1/_2$) mhux maqsum lil kull wieħed u waħda minnhom; (b)tordna li, f'kaz li l-qasma ma tistax issir mingħajr xkiel, l-post imsemmi jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti, bil-prezz stabilit minn perit li l-Qorti jogħġobha taħtar għal dan il-għan, u billi kull parti tirċievi nofs id-dħul mill-imsemmi bejgħ; u (c) taħtar nutar pubbliku biex jippubblika l-att nutarili meħtieġ u kuratur biex jidher fuq l-att f'isem dawk li jonqsu li jersqu għall-pubblikazzjoni. Talab ukoll l-ispejjez;*
*Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Mejju, 2006, li bih ordnat li ssir in-notifika tal-atti tal-kawża lill-imħarrka u tat struzzjonijiet lill-attur dwar it-tressieq tal-provi min-naħa tiegħu;*
*Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-8 ta' Ġunju, 2006, li biha l-imħarrka*

*laqgħet għall-azzjoni attrici billi, b'mod preliminari, qalet li din il-Qorti ma kellhiex il-kompetenza li tisma' u taqta' l-kawża minħabba l-materja li dwarha tittratta l-istess azzjoni attrici, u wkoll kieku kellha l-kompetenza tismagħha u taqtagħha, xorta waħda l-azzjoni tal-attur tressqet qabel waqtha minħabba li hu ma segwiex il-procedura tal-medjazzjoni qabel fetaħ il-kawża. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-azzjoni ma messhiex tressqet għaliex ma kien hemm l-ebda bidla fic-cirkostanzi minn dak inhar li kienet ingħatat is-sentenza li ħallietha tibqa' toqgħod fid-dar taz-zwieg flimkien ma' bintha, kif għadha tagħmel sallum, u minkejja li bintha saret tal-eta'. Ziedet tgħid l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq premessa zbaljata li biha jagħti tifsira ħazina tal-kondizzjonijiet li s-sentenza għamlet biex ħallietha tibqa' tgħix fid-dar taz- zwieg, liema sentenza ma tat lill-attur l-ebda jedd li jitlob il-qasma tal-imsemmija dar. Tgħid li dak il-jedd sata' jintalab biss minnha jekk kemm-il darba binthom ma tibqax tgħix magħha f'dik id-dar u f'kaz li hi tkun trid toħrog minnha. Temmet tgħid li fil-kaz li l-Qorti kienet tasal biex tilqa' t-talba tal-attur, dan kellu jsir billi l-post jibqa' suggett għad-dritt esklussiv li hi u bintha jibqgħu jgħixu fil-post;*

*Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Awissu, 2006, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista ta' Kawżi Qabel is-Smigħ (pre trial) u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dik il-fazi tal-kawza;*

*Ratil-verbali tas-seduti mizmuma mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju u l-provi mressqa quddiemha mill partijiet;*

*Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2008, li bih qiegħdet il-kawza fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ;*

*Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2009, li bih tat lill-partijiet l-oħrajn zmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;*

*Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-1 ta' Gunju, 2009;*

*Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fis-17 ta' Ġunju, 2009, bi tweġiba għal dik tal-attur;*

Rat in-Nota ta' riferenza mressqa mill-imħarrka fl-24 ta' Awissu, 2009\;
Rat l-atti kollha tal-kawza, magħdud ir-rikors tal-attur tal-24 ta' Awissu, 2011;
Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawza għas- sentenza;
Ikkunsidrat:
Illi din hija azzjoni dwar qasma ta' gid komuni. L-attur irid li dik li kienet id-dar taz-zwieg tiegħu u ta' martu, tinqasam għaliex hemm ragunijiet tajba għaliex m'għandhiex tibqa' aktar mizmuma in komun bejniethom, u dan minħabba li l-kundizzjonijiet li kienu saru f'sentenza li tat il-firda personali bejnu u martu l-konvenuta ma kenux għadhom fis-seħħ. Huwa jrid li kull parti tieħu s-sehem tagħha u li, jekk kemm-il darba l-post ma jistax jinqasam mingħajr xkiel, l-istess post jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti ("sub hasta") b'kull parti tieħu s-sehem xieraq tagħha mill- prezz tal-bejgħ;
Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka laqgħet biz-zewg eccezzjonijiet preliminari li (i) din il-kawza kienet dwar ħaga li din il-Qorti ma kellhiex is-setgħa li tisma' u taqta' dwarha, għaliex kienet kwestjoni li taqa' fil-kompetenza ta' qorti oħra, u (ii) li, f'kull kaz, l-attur ressaq din il-kawza qabel il-waqt għaliex naqas li jsegwi l-process tal-medjazzjoni qabel għazel li jiftaħ il-kawza. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-azzjoni ma messhiex tressqet għaliex ma kien hemm l-ebda bidla fic-cirkostanzi minn dak inhar li kienet ingħatat is-sentenza li ħallietha tibqa' toqgħod fid-dar taz-zwieg flimkien ma' bintha, kif għadha tagħmel sallum, u minkejja li bintha saret tal-eta'. Ziedet tgħid li l- attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq premessa zbaljata li biha jagħti tifsira ħazina tal-kondizzjonijiet li s-sentenza għamlet biex ħallietha tibqa' tgħix fid-dar taz-zwieg, liema sentenza ma tat lill-attur l-ebda jedd li jitlob il-qasma tal-imsemmija dar. Tgħid li dak il-jedd sata' jintalab biss minnha jekk kemm-il darba binthom ma tibqax tgħix magħha f'dik id-dar u f'kaz li hi tkun trid toħrog minnha. Temmet tgħid li fil-kaz li l-Qorti kienet tasal biex tilqa' t-talba tal-attur, dan kellu jsir billi l-post jibqa' suggett għad-dritt esklussiv li hi u bintha jibqgħu jgħixu fil-post;

*Illi mill-fatti li joħorgu mill-atti tal-kawża jirrizulta li l-partijiet kienu mizzewġin lil xulxin. Qabel izzewgu, f'Mejju tal- 1983, kienu xtraw post flimkien u dan il-post – appartament numru wieħed (1) li jinsab fi blokka bl-isem ta' "Mari Flats", f'numru 16, Triq Romeo Romano f'Santa Venera – kien id-dar taz-zwieg tagħhom malli zzewgu. Huma zzewgu fl-20 ta' Settembru, 1986. Miz-zwieg, il-partijiet kellhom tifla, Kylie, li twieldet fi Frar tal-1988;*

*Illi z-zwieg tal-partijiet iltaqa' ma' problemi u spiccaw infirdu. L-imħarrka kienet fetħet kawza quddiem din il-Qorti għall-firda personali fl-1994, liema kawza nqatgħet b'sentenza li ngħatat fis-16 ta' Diċembru tal-1998;*

*Illi l-imsemmija sentenza kienet xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti, izda dwar id-dar taz-zwieg (li kienet gid parafernali tal-partijiet billi nkisbet minnhom qabel iz-zwieg) tat lill-attrici (l-imħarrka fil-kawza tal-lum) "d-dritt esklussiv li tkompli tgħix fid-dar matrimonjali u tgawdi dawk l-oggetti u l-għamara ta' go fiha u dan sakemm hija tibqa' tgħix waħedha flimkien ma' bintha fl-istess dar". Dak inhar, bint il-partijiet kienet għadha taħt l-eta' u għalqet tmintax-il sena fl-1 ta' Frar, 2006;*

*Illi l-attur fetaħ il-kawza fil-15 ta' Mejju, 2006;*

*Illi l-ewwel konsiderazzjonijiet ta' natura legali jridu tabilfors isiru dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-imħarrka għaliex jolqtu fil-qalba s-siwi tal-kawza migjuba quddiem din il-Qorti u 'l-mixi 'l quddiem tagħha u wkoll ilgħaliex eccezzjonijiet li jolqtu l-kwestjoni tal-kompetenza ta' qorti li tisma' kawza huma ħwejjeg ta' ordni pubbliku li l-qorti nnifisha tista' saħansitra tqajjem minn rajha u jmisshom ikunu determinati u decizi b'kap għalihom taħt piena ta' nullita', imqar jekk ukoll fis- sentenza aħħarija;*

*Illi fl-imsemmija eccezzjonijiet, l-imħarrka tgħid li (i) din il-kawza ma messhiex tressqet quddiem din il-Qorti, imma quddiem il-Qorti Civili (Taqsima tal-Familja) u (ii) li, f'kull kaz, l-azzjoni ma tiswiex għaliex l-attur naqas li jirrikorri għall-procedura tal-medjazzjoni qabel ma għadda biex jiftaħ din il-kawza. Il-Qorti sejra tqishom fl-ordni li ngħataw, għaliex biex tqis it-tieni waħda, trid tkun tabilfors laqgħet l-ewwel waħda*

*minnhom;*

*Illi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari, l-imħarrka tressaq l-argument li ma jistax ikun li kwestjoni li toħrog minn kawza ta' firda personali u li dwarha jkun hemm ordni minn qorti imissha titressaq quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minflok titressaq quddiem dik il-Qorti li tkun tat l- ordni, jiġifieri l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Biex issaħħaħ l-istess argument, hija tistrieħ fuq dak li jipprovdi r-regolament 9(1) tar-Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja). Dan ir-regolament (fil-parti rilevanti tiegħu għal dan il-kaz) jipprovdi li: "Mingħajr preġudizzju għad-dispozizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is- segwenti – ... (c) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; ... dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ...";*

*Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument. Fl-ewwel lok, ma jrid jintesa qatt li l-gurisdizzjoni generali fi kwestjonijiet ta' xejra civili jaqgħu fis-setgħat ta' din il-Qorti bħala Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Fit-tieni lok, dan il-fatt jixhed li s-setgħat tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huma limitati għal dawk espressament mogħtija lilha mil-ligi, u kazijiet li ma jaqgħux taħt dawk is-setgħat ma jitqisux aktar tal-kompetenza tagħha, imqar jekk jitnisslu minn cirkostanzi jew rabtiet guridici mnissla minn decizjonijiet tagħha. Fit-tielet lok, il-kompetenza ta' qorti hija determinata min-natura u mit-termini ta' kif l-azzjoni mressqa quddiemha tkun imfassla. Għalhekk, dan jitlob li l-għazla tal-qorti xierqa li tisma' u taqta' kawza tkun determinata minn dak li jkun qiegħed jintalab u mhux mill- qafas li minnha tista' titqanqal il-kwestjoni;*

*Illi fil-kawza li l-Qorti għandha quddiemha llum, l-attur qiegħed iressaq azzjoni ta' qasma ta' gid komuni u ta' bejgħ tiegħu b'licitazzjoni f'kaz li dak il-gid ma jistax jinqasam bla xkiel. Kazijiet bħal dawn huma regolati taħt it-Titolu V tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili. Jekk wieħed jgħarbel x'tgħid il-ligi meta tfisser is-setgħat tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-*

*Familja), wieħed isib li dik it-Taqsima tal-Kodiċi ma taqax taħt is-setgħat hemm imsemmija. Huwa minnu li l-ġid milqut fl-azzjoni tal-lum inzerta għal xi żmien kien id-dar taż-żwieġ tal-partijiet, għalkemm huwa minnu wkoll li dik id-dar kienet inxtrat bejniethom qabel ma kienu għadhom iżżewġu. Barra minn hekk, l-azzjoni attriċi ma hija bl-ebda mod maħsuba li titlob tibdil f'xi ħaġa regolata mis-sentenza li tat il-firda personali lill-partijiet. Kemm hu hekk, l-imħarrka nnifisha tissottometti li "l-kawża promossa mill-istess rikorrent m'hijiex waħda li qed tattakka l-istess sentenza jew l-eżitu tal-istess sentenza jew li inbidlu l-proceduri allura għandhu jkun hemm kambjament fit-termini ta' dik is-sentenza";*

*Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha, l-Qorti tasal għall- fehma sħiħa li l-attur għamel sewwa li fetaħ din il-kawża quddiem din il-Qorti u mhux quddiem il-Qorti tal-Familja. B'hekk issib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka m'hijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;*

*Illi dan ifisser li t-tieni eccezzjoni preliminari tal-imħarrka timxi ma' ta' qabilha. Ladarba l-Qorti qiegħda ssib li għandha s-setgħat li tisma' u taqta' hi l-kawża li l-attur ressaq quddiemha, ifisser ukoll li ma kien qatt meħtieġ li, qabel jagħmel dan, l-attur ried isegwi xi procedura ta' medjazzjoni. Dik il-procedura hija maħsuba biss għal uħud mill-azzjonijiet li jmisshom jitressqu quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Ma hija maħsuba l-ebda procedura bħal dik biex wieħed jiftaħ kawża bil-procedura ordinarja tar-Rikors Maħluf quddiem din il-Qorti;*

*Illi, minħabba f'hekk, lanqas it-tieni eċċezzjoni preliminari ma hija tajba u għalhekk m'hijiex sejra tinlaqa';*

*Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tistħarreġ u tqis l-azzjoni tal- attur fil-mertu. L-attur jgħid li wasal iż-żmien li d-dar li kienet inxtrat f'ishma ndaqs bejnu u l-imħarrka sa minn qabel ma żżewġu lil xulxin u li, wara z-zwieġ, kienet id-dar taż-żwieġ, issa tinqasam u kull wieħed u waħda minnhom jieħu s-sehem tiegħu. Huwa jgħid li ma jridx jibqa' jżomm dak il-ġid komuni mal-imħarrka u li, jekk dik id-dar ma tistax tinqasam, imissha tinbiegħ taħt l-awtorita' tal-Qorti u kull wieħed minnhom jieħu sehemu mill-flus li jidħlu mill- istess bejgħ. Huwa jgħid li, r-raġuni għaliex dik id-dar ma kenitx għadha nqasmet kien għaliex, meta ngħatat*

*is- sentenza tal-firda personali, bint il-partijiet kienet għadha taħt l-eta' u kien għal din ir-raguni li accetta li, fis-sentenza li awtorizzat il-firda personali bejnu u l-imħarrka, d-dar tibqa' komuni bejniethom;*

*Illi huwa aktar minn car li l-azzjoni attrici trid tinqara fid-dawl ta' dak li tiddisponi dik il-parti tas-sentenza tal-firda personali dwar x'kellu jigri mid-dar taz-zwieg. Dan jingħad għaliex, dik id-dispoziżzjoni ħalqet xi kundizzjonijiet, u wkoll għaliex is-sentenza ħalqet titolu ezekuttiv fil-konfront tal-partijiet li kienu partijiet fil-kawza. Minbarra dan, l-imsemmija sentenza llum hija gudikat u dan, mhux bi ftit, jorbot idejn din il-Qorti wkoll dwar dak li l-partijiet ressqu quddiemha f'din il-kawza;*

*Illi l-parti dispozittiva tas-sentenza li titkellem dwar il-qasma tal-gid tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet tgħid hekk: "...tiddikjara xolta l-komunjoni tal- akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividiha billi tassenja lil kull parti n-nofs indiviz tad-dar matrimonjali b'dak kollu li jinsab prezentement fiha u inoltre il-partijiet għandhom izommu l-oggetti u l-beni kollha li jinsabu prezentement f'idejhom, waqt li jigi dikjarat li l-attrici jkollha d-dritt esklussiv li tkompli tgħix fid-dar matrimonjali u tgawdi dawk l-oggetti u l-għamara ta' go fiha u dan sakemm hija tibqa' tgħix waħedha flimkien ma' bintha fl- istess dar". Il-Qorti jidhrilha xieraq li tosserva u tippreċiża li d-dar li dwarha saret din il-kawza ma kenitx tagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk, għalkemm is- sentenza tal-firda personali tqiegħed dan il-gid ewlieni tal-partijiet taħt il-parti li tiddisponi mill-komunjoni tal-akkwisti, in-natura legali vera ta' dak il-fond hu bħala ġid parafernali ta' kull waħda mill-partijiet, ladarba kien inkiseb minnhom f'ishma ndaqs qabel izzewgu lil xulxin. Madankollu, ma hemm l-ebda kontestazzjoni mill-partijiet li d-dar li tissemma f'dik il-parti tas-sentenza u dik li hija l-mertu ta' din il-kawżа hija l-istess dar;*

*Illi, fil-kaz tal-lum, l-argument tal-attur hu li, ladarba bint il-partijiet issa laħqet l-eta' tal-maggorenni u ladarba huwa għandu s-sehem ta' nofs tal-istess dar, dak il-gid imissu jinqasam għaliex huwa jedd tiegħu li ma jibqax sid in komun mal-imħarrka. Huwa jgħid ukoll li kien accetta li d-dar tinzamm minn martu għaliex ma riedx li bintu ma tibqax tgħix fid-*

*dar li fiha trabbiet u biex, kemm jista' jkun, ma jzidilhiex fil-kedda li kienet għaddejja minnha minħabba l-process tal-firda bejnu u ommha;*

*Illi l-imħarrka ttenni li la l-azzjoni mressqa mill-attur u wisq anqas it-tifsira li huwa qiegħed jagħti lill-parti rilevanti dispozittiva tas-sentenza ma jiswew. Hija tgħid li sallum ma nbidel xejn minn dak li kienet iddisponiet is-sentenza, u l-mod waħdieni kif dak li jrid l-attur jista' jseħħ hu jekk kemm-il darba hija tiddeciedi li trid toħrog mill-imsemmija dar u magħha toħrog bintha;*

*Illi l-partijiet ressqu provi favur it-tezi rispettiva tagħhom. L-attur baqa' jisħaq li l-arrangament li nħalaq dwar id-dar taż-żwieġ kien marbut mal-kundizzjoni li t-tifla tkun għadha taħt l-eta' u sakemm tkun hekk għadha taħt l-eta'. Min-naħa tagħha, l-imħarrka ressqet provi biex turi li dik id-dar hija l-post waħdieni fejn tgħix; li hija m'għandhiex il-mezzi biex tikseb post ieħor jew imqar li tixtri sehem zewgha l-attur mill-istess dar; li f'xi zmien, kien hemm suggerimenti u tentativi li l-attur ibiegħ sehemu mid-dar lil bintu, u li saħansitra kien tqabbad nutar biex jippubblika l-att; li t-tifla għadha toqgħod fid-dar magħha, u l-ħsieb tagħha hu li tibqa' f'dik id-dar; li n-nefqiet kollha biex id-dar tinżamm f'qagħda tajba qiegħda toħroghom hi u li hi ilha għal għadd ta' snin tħallas ukoll iċ-ċens kollu li jgħabbi d- dar;*

*Illi bosta minn dawn il-provi huma marġinali għas-soluzzjoni tal-kwestjoni. Il-Qorti jidhrilha li ta' siwi akbar huma l-konsiderazzjonijiet ta' sura legali li jmisshom isiru biex iqisu l-effetti ta' dik il-parti tas-sentenza li tat il-firda personali lill-partijiet (fejn titkellem dwar id-dar in kwestjoni) fuq il-bazi li fuqha l-attur fassal il-kawza tiegħu;*

*Illi li kieku l-kawza li kellha quddiemha l-Qorti kienet waħda biss ta' qasma u licitazzjoni, ma kien ikollha l-ebda diffikulta' li tilqagħha. Dan qiegħed jingħad għaliex il-fatt waħdu li, f'azzjoni ta' qasma, xi waħda mill-komproprjetarji tkun izzomm taħt idejha l-gid komuni ma huwiex ta' xkiel biex qorti tordna l-qasma ta' dak il-gid jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir mingħajr xkiel, li tordna l-bejgħ b'licitazzjoni tal-istess gid. Għalhekk, il-fatt waħdu li l-imħarrka f'din il-kawza qiegħda toqgħod fid-dar li hija gid komuni tagħha u tal-attur m'huwiex ir-rauni li zzomm*

*milli t-talba tal-attur tintlaqa'. Li kieku ma kienx hekk, kien ikun ifisser li l-attur – bħala sid komproprjetarju – jista' jitlef darba għal dejjem il-jeddijiet tiegħu fuq l-istess gid sakemm is-sid komproprjetarju l-ieħor jibqa' jogħġbu jibqa' jżomm dak il- post. Dan la huwa l-ispirtu u lanqas ir-rieda tal-ligi li, għall-kuntrarju, izzomm mal-principju li z-zamma tal-gid f'komunjoni m'għandhiex tibqa' hekk kif imqar wieħed mill-komproprjetarji juri x-xewqa li jrid itemmha;*

*Illi l-konsiderazzjoni partikolari li titnissel f'dan il-kaz dwar l-azzjoni tal-attur, madankollu, toħrog minn zewg cirkostanzi oħrajn. L-ewwel waħda hija li l-attur jisħaq li l-jedd tiegħu li jitlob il-qasma jew bejgħ b'licitazzjoni tad-dar issa huwa f'waqtu għaliex bintu għalqet it-tmintax-il sena. It-tieni waħda hi li s-sentenza tal-firda personali bejn l-attur u l-imħarrka (f'dak li jirrigwarda x'għandu jsir minn dik li kienet id-dar taż-żwieg) ħalqet cirkostanzi li għandhom minn kundizzjonijiet resoluttivi. Il-Qorti sejra tqis dawn iz- zewg cirkostanzi waħda waħda;*

*Illi għal dak li jirrigwarda r-raguni mressqa 'l quddiem mill- attur biex jiggustifika għaliex issa huwa l-waqt tajjeb li jressaq it-talbiet li ressaq, huwa jagħmilha cara fil- premessi tar-Rikors promotur u tul is-smigħ tal-kawza u fis-sottomissjonijiet tiegħu, li huwa jqis li l-parti dispożittiva tas-sentenza tal-firda personali dwar x'għandu jsir mid-dar kienet marbuta mal-eta' ta' bint il-partijiet. L-attur jisħaq li l-fehma kienet dejjem li d-dar ma tinqasamx biex it-tifla tkun tista' tibqa' titrabba fid-dar li dejjem kienet taf b'darha bla ma jkollha tgħaddi mit-trawma li toqgħod tiġri minn banda għal oħra. L-imħarrka twarrab għal kollox dan ir-ragunament u, bis-sewwa, tisħaq li dan kollu ma joħrog imkien mill-ebda parti tas-sentenza;*

*Illi l-Qorti tqis li l-argument tal-attur ma jregix. Għalkemm jista' jkun minnu li huwa issagrifika l-jeddijiet tiegħu fl-aħjar interessi ta' bintu minuri, ma jidhirx li meta l-Qorti tat is-sentenza tal-firda personali u irregolat il-qasma tal-ġid, rabtet xi mod x'kellu jigri mid-dar mal-eta' tat-tifla. Jekk wieħed jara sewwa l-parti dispozittiva partikolari għandu jsib li l-jedd li l-imħarrka tibqa' tgħix fid-dar mertu tal-kaz u zzommha b'kulma jinsab fiha kien jiddependi biss minn jekk l-imħarrka tibqax tgħix*

*waħedha (jiġifieri mhux li ddaħħal lil ħaddieħor joqgħod magħha) u li magħha tibqa' tgħix bintha. Imkien f'dawn il-kundizzjonijiet ma ddaħħlet il-konsiderazzjoni tal-eta' tal-bint. L-attur ma kienx appella minn dik is-sentenza u għalhekk dak li jinsab dispost fiha gab is-saħħa ta' gudikat li l-attur ma jistax jagħmel tabirruħu li ma jorbtux ukoll;*

*Illi mill-provi ħareg li, sa minn dak inhar li ngħatat dik is-sentenza, dawn ic-cirkostanzi ma nbidlux. L-imħarrka jidher li ma daħħlet lil ħadd jgħix magħha (minkejja li, fi żmien il-kawża tal-firda, kienet issemmiet persuna li kienet taħdem mal-attur bħala ħabib tagħha li miegħu hija kellha relazzjoni). Min-naħa l-oħra, t-tifla għadha tgħix ma' ommha, għalkemm ħareġ ukoll li hija qiegħda toħrog għal xi erba' snin ma' guvni li kienet fi ħsiebha tiżżewġu. Mill-provi ħareg li, f'xi zmien, it-tifla kienet talbet lill-attur missierha biex ibegħilha sehemu mid-dar għaliex kien fi ħsiebha tibqa' tgħix hemm ukoll meta tiżżewweg. Fil- fehma tal-Qorti, dan juri li c-cirkostanzi li kienu jipprevalu fiz-zmien li ngħatat is-sentenza dwar l-imsemmija dar għadhom hekk illum;*

*Illi t-tieni kunsiderazzjoni hi li l-parti rilevanti tas-sentenza tat jedd ta' abitazzjoni kemm lill-imħarrka u kif ukoll lil bintha u rabtet tali jedd ma' kundizzjonijiet. Biex l-omm tista' tibqa' zzomm id-dar, kien jeħtieġ li jibqgħu jseħħu z- zewg kundizzjonijiet: li l-omm tibqa' tgħix fid-dar bla ma ddaħħal lil ħaddieħor joqgħod magħha u li dak il-jedd jibqa' sakemm il-bint tibqa' tgħix fid-dar ma' ommha. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-zewg kundizzjonijiet huma kumulativi u ta' natura rizolutiva, fis-sens li hekk kif tonqos waħda minnhom, ir-rabta taqa' u l-jedd ta' abitazzjoni jintemm. Għalkemm il-jedd mogħti huwa l-izjed favur l-imħarrka, madankollu jibqa' fis-seħħ biss jekk kemm-il darba bintha ma tkunx ħarġet mid-dar;*

*Illi, kif ingħad, mill-provi ħareg li saz-zmien li l-kawza tħalliet għas-sentenza, iz-zewg kundizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ. Minn dan l-aspett, l-imħarrka għandha ragun tgħid li dak li iddisponiet is-sentenza tal-firda personali għadu ma nbidilx u li għalhekk l-azzjoni tal-attur għandha tfalli;*

*Illi l-Qorti tqis li l-jedd mogħti lill-imħarrka (u lil bintha) bis- sentenza*

*tal-firda huwa jedd reali, u mhux biss jedd personali. Dan ifisser li minkejja li d-dar hija tal-partijiet f'ishma ndaqs, l-imħarrka tgawdi fuq l-istess dar jedd li jorbot mhux biss lill-attur iżda lil terzi wkoll, sakemm il-kundizzjonijiet rizolutivi li jsostnu dak il-jedd ma jseħħux. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-jedd huwa ta' xkiel biex issir il-qasma fattwali tal-fond, għaliex il-jedd favur l-imħarrka u favur bint il-partijiet jezisti fuq il-fond kollu u mhux biss fuq nofs ta' xi parti waħda jew l-oħra. F'dan ir-rigward, dak li tissottometti l-imħarrka fis-seba' eccezzjoni tagħha huwa minnu;*

*Illi dan huwa zgur fattur li jzomm milli titwettaq ir-regola tal-ligi li, f'qasma tal-gid komun, kull komproprjetarju għandu l-jedd li jieħu sehemu in natura. Fil-prattika wkoll, li kieku kellu joħrog li l-fond ma jistax jinqasam mingħajr xkiel, l-ordni li l-post jinbiegħ b'licitazzjoni qajla tista' titwettaq. L-attur ma weriex li huwa mħajjar jixtri sehem martu l-imħarrka, l-aktar dment li għadha toqgħod fil-post. L-imħarrka, min-naħa tagħha, għamlitha cara li m'għandhiex il-mezzi biex tikseb sehem zewgha l-attur. Jekk kemm-il darba l-licitazzjoni kellha tinfetaħ għall-offerenti barranin, qajla jista' wieħed jaħseb li hawn xiħadd li lest li joffri li joħrog flus biex jikseb fond li huwa mizmum minn persuna b'jedd reali ta' abitazzjoni li jipprevali saħansitra fuq it-titolu ta' offerent bħal dak;*

*Illi l-attur ressaq argument ukoll favur l-azzjoni tiegħu fuq il-bazi ta' dak li jgħid l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili. Bl- akbar rispett, l-imsemmi artikolu ma jista' jkun tal-ebda fejda għall-kaz tal-attur, mhux għar-raguni msemmija mill-imħarrka fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Twegiba tagħha, izda minħabba l-komunjoni "forzata" li biha qiegħda tinzamm d-dar, migjuba minħabba dik id-dispożizzjoni partikolari tas-sentenza tal-firda personali. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-attur tassew jemmen li l-jedd tiegħu jitnissel mill-imsemmi artikolu tal- ligi, wieħed jistaqsi għaliex, allura, naqas li jmexxi bil-procedura mħaffa maħsuba f'dak l-istess artikolu;*

*Illi meta jitqiesu dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li b'dan kollu li jissemma hawn fuq, mizjud mal-fatt li z-zewg*

*kundizzjonijiet imposti fis-sentenza tal-firda personali bejn il-partijiet għadhom fis- seħħ, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi u għalhekk it-talba attrici m'hijiex sejra tintlaqa';*
*Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:*
*Tiċħad l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-imħarrka, billi m'humiex mistħoqqa fid-dritt, u tgħid li hija għandha s-setgħa li tisma' u taqta' din il-kawża u li l- azzjoni attriċi tressqet sewwa;*
*Tilqa' t-tielet u l-ħames eccezzjonijiet fil-mertu;*
*Tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet attrici billi m'humiex mistħoqqa għaliex iz-zamma tal-post hija suggetta għal kundizzjonijiet rizolutivi li għadhom fis-seħħ u għaliex il- premessa li fuqha l-attur jibni l-istess azzjoni tiegħu ma tagħtihx jedd għar-rimedji li qiegħed jitlob;*
*Tiċħad it-tielet talba attrici minħabba li din hija konsegwenzjali għaz-zewg talbiet ta' qabilha; u*
*Tordna li l-imħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawza marbuta maz-zewg eccezzjonijiet preliminari, filwaqt li l-attur iħallas l-ispejjez tal-kawza marbuta mat-talbiet tiegħu.'*

**Bazi legali tal-eccezzjoni ta' res judicata:**

Illi huwa ben stabbilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe` dawk definiti bhala l- "eadem causa petendi, eadem personam u eadem res" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali. Fin-nuqqas li jikkonkorru t-tliet elementi ma jkunx jista jinghad li l-haga hija l-istess "nisi omnia concurrunt, alia res est".

Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta' *res judicata* kif sancit fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** l-eccezzjoni tar-*res*

*judicata* ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza[1].

Illi fis-sentenza **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et**[2] intqal li:-

*"Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti………."*

*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet* ***'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et',*** *Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934":-.*

*"Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" – jigifieri l-fundament tal- "actio" u tal-"exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilta` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li

---

[1] **Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe** A.K. deciza fl-10 ta' Dicembru 1954; **Salvina Pullicino et vs Carmel Busuttil** P.A. RCP deciza fis- 26 ta' Gunju 2008.

[2] Cit Nru: 1792/1999PS deciza fit-28 ta' Marzu 2003

ttemm il-possibilta` ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni.

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b'dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat mal-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni provvediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

Illi min-naha l-ohra fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et** gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni

ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat[3]. Dan ifisser li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta *si tratta* minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza[4]. Infatti huwa maghruf li *"nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."*[5]

Illi ghal dak li jirrigwarda l-*eadem res,* fis-sentenza **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited**[6] gie kkonfermat li din ghandha *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".*

Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal

---

[3] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta' Marzu 1958.
[4] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta' Marzu 1958.

[5] Vol. XXIX.i.1155

[6] Cit Nru 1209/00RCP deciza fid-9 ta' Jannar 2002

dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Illi ghar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi l-***Prof. Caruana Galizia*** f'**"Notes on Civil Law"** (Pt.IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi *"the title on which the demand is based"* . Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi dwar l-*eadem personae,* fis-sentenza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**[7] il-Qorti qalet li *"biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…"* Illi pero' dan ma jfissirx li *"l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali"*[8].

**Mertu:**

**Partijiet fil-kawza (*eadem personam*):**

[7] PA deciza fit-13 ta' Frar 1958, Vol XLII.ii.917

[8] Vide **Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et,** App Civ deciza fit-2 ta' Lulju 1996, Vol LXXX.ii.804

Illi fil-mertu tal-kaz odjern jirrizulta li ghal dak li huma partijiet fil-kawza, l-partijiet originarjament fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef kienu biss Mario Zammit u Rita Zammit u dak iz-zmien binthom Kylie u zewgha Malcolm Dimech ma kienux mharrka fil-kawza. Jirrizulta fil-fatt mid-decizjoni msemmija li dak iz-zmien il-bint Kylie kienet ghadha kif ghalqet l-eta ta' tmintax-il sena filwaqt li ma kinitx ghadha zzewget lil Malcolm Dimech ghalkemm kien hemm accenn fid-decizjoni li kienu gia f'relazzjoni. Ir-raguni ghalfejn dak iz-zmien ma ddahhlitx fil-kawza l-bint Kylie hija njota ghal din il-Qorti, stante li hija kienet gia maggorenni, u ghalhekk l-attur seta' facilment harrek ukoll lill-istess Kylie sabiex tirrispondi ghall-pretensjonijiet tieghu la darba hija kienet tghix fil-fond in kwistjoni ghalkemm mhux proprjetarja indiviza bhal martu. Min-naha l-ohra la darba jirrizulta li Malcolm Dimech dak iz-zmien ma kienx mizzewweg lil Kylie u ma jirrizultax li kien jghix fil-fond in kwisjtoni l-Qorti tifhem li din hija bidla fic-cirkostanzi li allegatament se mai sehhet wara li giet intavolata l-kawza bin-numru 434/06. Ghaldaqstant in vista ta' dan kollu jirrizulta lil din il-Qorti li almenu mill-element tal-partijiet l-eccezzjoni tar-*res judicata* mqajjma mill-intimati tippekka stante li l-partijiet mhumiex l-istess, mhux ghaliex il-bint ma kinitx fil-kawza stante li se mai dak jista' jahti biss bhala nuqqas fuq l-attur innifsu izda ghaliex llum hemm bhala parti wkoll zewgha Malcolm Dimech li dak iz-zmien li nfethet il-kawza ma kellu x'jaqsam xejn mal-fond in kwistjoni filwaqt li llum allegatament skont l-attur jghix ukoll fil-fond.

**L-oggett tal-kawza (*eadem res*):**

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-oggett tal-kawza kemm f'dik deciza u kemm f'dik odjerna hija l-ko-proprjeta' tal-fond Mari Flats, 16,

Flat, Triq Romeo Romano, Santa Venera u t-talba tal-attur sabiex jigi dikjarat terminat id-dritt ta' abitazzjoni favur il-mara u din tigi mibjugha bil-licitazzjoni sabiex hu u Rita Zammit ma jibqghux ko-proprjetarji tal-istess. Minn dan il-lat il-kriterju tal-*eadem res* huwa sodisfatt.

**In-natura tal-kawza (*eadem causa petendi*):**

Illi mid-decizjoni kwotata moghtija mill-Onorabbli Imhallef J. Micallef u kif abbilment dikjarat minnu stess jirrizulta li l-kawza ntavolata mill-attur lura fis-sena 2006 kienet ibbazata fuq pretensjoni partikolari tal-attur u cioe' li skont hu la darba l-bint ghalqet it-tmintax-il sena d-decizjoni tal-Qorti tal-Familja li tat il-jedd lill-mara tghix fil-fond mal-bint ma kelliex aktar effett u allura huwa kellu l-jedd li jitlob li d-dritt ta' abitazzjoni favur il-mara jigi terminat u li l-fond ma jibqax in ko-proprjeta' bejnu u l-ex-martu u li dan jinbiegh.

Illi f'dik id-decizjoni l-abbli Qorti sabet illi l-jedd ta' abitazzjoni tal-mara u cioe' Rita Zammit li tirrisjedi fil-fond in kwistjoni kien, skond id-decizjoni tal-Qorti tal-Familja, suggett ghal zewg kundizzjonijiet rizoluttivi kif isegwu:

1. Li l-omm tibqa' tghix fid-dar bla ma ddahhal lil haddiehor joqghod maghha;
2. Li dak il-jedd jibqa' sakemm il-bint tibqa' tghix fid-dar ma' ommha.

Dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat ukoll li dawn iz-zewg kundizzjonijiet huma kumulattivi u ta' natura rizoluttiva fis-sens illi jekk tonqos wahda minnhom, ir-rabta taqa' u l-jedd ta' abitazzjoni favur Rita Zammit jintemm. F'dik il-kawza l-Onorabbli

Qorti waslet ghall-konkluzjoni li sa dak iz-zmien il-kundizzjonijiet kien ghadhom sodisfatti u ghalhekk ghaddiet sabiex tichad it-talbiet tal-attur. Pero' fl-istess decizjoni dik l-Onorabbli Qorti ghamlitha cara li l-jedd ta' abitazzjoni favur il-mara jibqa fis-sehh:

*'sakemm il- kundizzjonijiet rizolutivi li jsostnu dak il-jedd ma jsehhux'.*

Fil-kaz odjern l-attur qed isostni li allegatament Rita Zammit qed izzomm il-post esklussivament ghaliha, ghal bintha u zewgha. Dan ifisser li l-attur qed jallega ksur tal-kundizzjonijiet rizolutivi kif hekk dikjarati fid-decizjoni hawn fuq imsemmija liema ksur allegatament sehh wara li kienet giet intavolata l-istess kawza. Minn dan il-lat ghalhekk, u minghajr ma' l-Qorti tidhol fil-mertu tal-pretensjonijiet attrici, sakemm il-kawza odjerna tirrigwarda allegat ksur tal-kundizzjonijiet rizolutivi konsegwenza ta' avveniment jew avvenimenti li sehhew wara l-intavolar tal-kawza precedenti u wara d-decizjoni msemmija, certament ma jistax jinghad li dan il-mertu tal-kawza odjerna huwa *res judicata* u ghalhekk ma jikkwalifikax bhala l-istess *eadem causa petendi.* Dan jaghmel ukoll aktar sens logiku meta fil-fatt, kif gia nnotat il-Qorti aktar il-fuq, bhala partijiet fil-kawza llum l-attur harrek ukoll lir-ragel tal-bint u cioe' Malcolm Dimech. Huwa ghalhekk ukoll taht dan il-kriterju li l-eccezzjoni tar-*res judicata* fil-kaz odjern mihiex gustifikata.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant in vista ta' dak suespost din il-Qorti tasal ghall-konkuzjoni li stante li mhux l-elementi kollha tar-*res judicata* jirrizultaw fil-kaz odjern, anzi jirrizulta li tnejn minn tlieta huma neqsin, ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati imqajjma dwar l-istess.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta u tiddeċiedi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* mqajjma mill-intimati permezz tas-sub-paragrafi 10c u 10d tar-risposta tagħhom billi tgħaddi sabiex tiċħad l-istess u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Marzu 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Reġistratur**
**5 ta' Marzu 2020**